MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 578/2012

Avv. Larry John Gauci
(karta ta’ l-identita` numru 2582 (G)) bhala mandatarju
specjali tas-socjeta` estera Primo Contatto S.r.L.

vs

Surgiquip Limited
(C – 18189)

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-6 ta’ Gunju, 2012, li permezz tieghu sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` kif rapprezentata mir-rikorrenti nomine otteniet sentenza mit-Tribunal ta’ Ruma indikat fir-rikors promotur datata l-21 ta’ Ottubru, 2008, fl-ismijiet Primo Contatto S.r.L. vs Surgiquip Limited, li permezz taghha s-

socjeta` ntimata giet ikkundannata thallas lil dik rikorrenti s-somma ndikata fl-istess rikors promotur u dan, flimkien mal-ispejjez legali kif hemm ukoll indikat;

2. Illi s-socjeta` ntimata hi registrata u residenti f'Malta;

3. Illi r-rikorrenti nomine jixtieq li jenforza l-imsemmija sentenza f'Malta *ai termini* tal-artikolu 53 tar-Regolamenti tal-Kunsill Numru 44/2001 tat-22 ta' Dicembru, 2000, kif susegwentement emendat;

4. Illi l-imsemmija sentenza estera hi ezegwibbli *ai termini* tal-Annex V tal-imsemmija Regolamenti;

5. Illi l-istess sentenza giet notifikata lis-socjeta` ntimata;

6. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti nomine jitlob li din il-qorti:

i. Tirrikonoxxi d-decizjoni moghtija mit-Tribunal ta' Ruma fuq riferita;

ii. Tiddikjara u tordna l-esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza f'Malta kontra s-socjeta` ntimata, u dan, *ai termini* tar-Regolamenti fuq indikati;

iii. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` ntimata;

Rat in-notifika tas-socjeta` ntimata datata t-28 ta' Marzu, 2013, (ara fol 124);

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet lir-rikorrenti nomine jikkonferma l-istess fatti fuq riferiti bil-gurament;

Ikkunsidrat:

Illi hi sodisfatta li hawn xi tratta ta' enforzar u esekuzzjoni ta' sentenza regolarment deciza minn qorti ta' Stat Membru tal-Kumunita` Ewropea;

Illi ghalhekk ir-regolamenti tal-Kunsill fuq riferiti japplikaw ghall-fatti kif fuq esposti;

Illi din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti nomine ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi li si tratta biss ta' enforzar u esekuzzjoni ta' sentenza moghtija minn qorti ta' Stat Membru tal-Komunita` Ewropea;

**Decide**:

Ghaldaqstant in vista tas-suespost din il-Qorti:

1. Tirrikonoxxi d-decizjoni moghtija mit-Tribunal ta' Ruma fuq riferit, datata l-21 t'Ottubru, 2008, fl-ismijiet fuq ukoll riferiti;

2. Tiddikjara u tordna l-esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza fil-gurisdizzjoni Maltija kontra s-socjeta` ntimata Surgiquip Limited *ai termini* tar-Regolamenti tal-Kunsill Numru 44/2001 fuq indikati;

3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` ntimata.

________________________

Onor.Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------